

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ M.7220 — Chiquita Brands International/Fyffes)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2014/C 274/07)

1. Fl-14 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża, Chiquita Brands International, Inc. ("Chiquita", l-Istati Uniti) u l-impriża Fyffes plc ("Fyffes", l-Irlanda) jingħaqdu fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdien.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Chiquita: l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti friski, b'mod partikolari l-banana Fiż-ŻEE, l-attivitajiet ta' Chiquita jinkludu wkoll il-provvista ta' ananas u frott ieħor, kif ukoll il-forniment ta' servizzi ta' maturazzjoni u trasport marittimu.
- għal Fyffes: l-akkwist, it-trasport marittimu, l-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-banana. Fiż-ŻEE, Fyffes tforni wkoll frott ieħor, inklużi l-ananas, u tipprovdi servizzi ta' maturazzjoni u trasport marittimu.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li l-konċentrazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea bil-faks (+32 22964301) jew b'email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7220 — Chiquita Brands International/Fyffes f'dan l-indirizz:

European Commission
 Directorate-General for Competition
 Merger Registry
 1049 Brussels/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).